**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 194 / 2020**

**Il-Pulizija**

**Vs**

**Herbert Zammit Cordina**

Illum 9 ta' Dicembru, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Herbert Zammit Cordina detentur tal-karta tal-identità numru 194787M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli f'dawn il-Gzejjer u/jew limiti tal-Mellieha, f'xi zminijiet bejn il-21 ta' Mejju 2016 u t-12 ta' Settembru 2016 b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. B'ghemil zieni ikkorrompa persuna taht l-età u cioè lil ***Omissis*** Art 203 (1) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. u aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi, ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuni taht l-età u cioè ***Omissis***, Art 204C (1), 208 AC (1) (b) (2) (a) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skont il-liġi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384, u 385 tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà tal-vittma ***Omissis***.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog Ordni ta' Protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba li jekk jidhrilha xieraq, tordna ordni ta' trattament skont kif stipulate fl-Art 412 D tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar il-25 ta' Settembru 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-ligi indikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tad-19 ta' Frar 2018 u senjatament l-Artikoli 17, 18, 31, 203 (1), 204C (1), 208AC (1) (b) u 208 AC (2) (a) tal-Kaptolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, sabet lill-imputat hati tal-ewwel (1) u tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u kkundannatu tliet (3) snin prigunerija.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 412C tal-Kodici Kriminali, il-Qorti ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghall-perjodu ta' tliet (3) snin millum fejn il-persuni protetti huma ***Omissis*** u l-familjari taghha.

Sabiex tigi protetta l-identità tal-minuri kkoncernata, il-Qorti ordnat id-divjett tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri u l-familjari taghha fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Il-Qorti, wara li rat il-Kap 518 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru indikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan ordnat li kopja ta' din is-sentenza tigi kkomunikata lill-imsemmi Registratur.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kodici Kriminali, il-Qorti kkundannat lill-imputat sabiex sa zmien xahar minn meta jigi hekk mitlub bil-miktub mir-Registratur tal-Qorti, sabiex ihallas lill-istess Registratur tal-Qorti is-somma ta' sitt

mija, tnejn u disghin ewro u erbgha u hamsin ewro centezmi (€692.54c), liema ammont jirrapprezenta l-ispejjez konnessi mal-hatra ta' esperti f'dan il-kaz.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Herbert Zammit Cordina, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-12 ta' Ottubru 2020, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata billi, thassarha u tirrevokaha u kwindi minnha tillibera lill-appellant skont il-Ligi minn dawn l-imputazzjonijiet, htija u piena, u, minghajr pregudizzju, f'kaz li dan l-appell ma jintlaqx, alternattivament, tirriformaha in rigward tal-piena inflitta mill-Ewwel Qorti fl-ismijiet premessi u tinfliggi piena aktar idonea u anqas harxa u li tirrispekkja l-kaz in ezami.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Herbert Zammit Cordina huma s-segwenti u cioè:-

Illi l-aggravi f'dan l-appell huma diversi li jikkonsistu f'interrogazzjoni li nbiet monk, u cioe` l-appellant ittiehed fuq demm id-dars meta intalab jispjega x'kien qal lil surgenta u kif kien u ghala baghat messagg/i lil spettur tal-Pulizija u kif kien jaf ufficjali ohrajn. Dan certament huwa l-ewwel punt li minnu bdiet l-interrogazzjoni li suppost kienet fuq jekk kienx hemm kaz ta' ghemil zieni fuq minuri;

Irrizulta ampjament mill-atti processwali illi ***Omissis*** minuri ta' 15-il sena fiz-zmien tal-allegat ikkorrompha b'ghemil zieni illi hija kienet 'iffissat' fuq l-appellant tant li damet perjodu tmurlu hdejn id-dar, tmur is-salon tal-mara tieghu, u tibghat messaggi diversi, anka jekk din l-istess persuna minuri, irrizulta wkoll kif gieli baghtet iktar minn 8 messaggi friend requests facebook f'gurnata wahda;

Hawnhekk si tratta tal-elementi necessarji sabiex jirrizulta 'korruzzjoni': il-Ligijiet diversi ta' pajjizi diversi jitrattaw dan l-aspett skont il-kultura taghhom, u l-eta' tal-kunsens tvarja bejn Stat u iehor. "*Protecting minors from harm: concepts of childhood as a social category and of sexuality are context-dependent; they vary from country to country and across cultures. This notwithstanding, a minimum legal age for sexual consent.*"

L-hekk imsejha *Lanzarote Committee*, kif ukoll Direttiva: 2011/92/EU, jipprovdu ghal mekkanizmu legali sabiex minuri jkunu protetti kontra abbuzi ta' pornografija u abbuz billi jisfruttaw l-innocenza taghhom permezz ta' ghemil maghmul minn maggorenni. Issa jsegwi illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-prosekuzzjoni qatt ma gabet prova wahda xjentifika medika illi turi jekk verament il-minuri msemmija kienitx rizultanti li xi darba jew izjed kellha x'taqsam sesswalment ma' xi hadd, u allura jibqa' biss kelma taghha kontra l-kelma tal-appellant;

Li jirrizulta imma bla dubju huwa, illi ***Omissis*** kienet certament mhux mheddha jew imgieghla taghmel kuntatt jew tiltaqa' mal-appellant! Ommha stess ***Omissis*** fix-xhieda taghha datata 21 ta' Frar 2017 a fol. 131 tal-atti, stqarret kif bintha kienet qaltilha wara li giet mistoqsija minn ommha li kienet tiltaqa' s-Sibt mal-appellant u jmorru dawra bil-karozza. Hawnhekk jigi eliminat kull suspett illi kien hemm xi tip ta' koersjoni imposta fuq ***Omissis*** mill-appellant, anzi kif jirrizulta kienet baqghet tinsisti li l-appellant jibqa' jiltaqa' maghha avolja l-appellant meta sar jaf li martu kienet qieghda tissuspetta li kien qieghed jiltaqa' ma' tfajla t'eta zghira, kien mhux darba jew tnejn qallha biex twaqqaf kull kuntatt;

Hawnhekk jimmerita li ssir referenza ghal legislazzjonijiet komparattivi, (*comparative laws*): il-Cassazzione fl-Italja in segwitu ta' diversi appelli riferuti lilha, iddecidiet li tnizzel l-eta' minima ghal kunsens sesswali ghal 14-il sena. Dan huwa l Articolo 609, Codice Penale, li jipprovdi:

"*l'articolo in esame tutela ed assicura un ordinato sviluppo psicofisico del minore infraquattordicenne*". `

Dan il-punt qieghed jitqajjem mhux u bl-ebda mod jimplika illi l-appellant effettivament kellu x'jaqsam mal-minuri ***Omissis*** fil-kaz in ezami imma sempliciment sabiex bhala aggravju, din l-Onorabbli Qorti tixpruna jekk realment kienx hemm il-biza' li wasslet ghal livell ta' lil hinn mid-dubju ragonevoli rikjest fil-kamp penali, stante illi ebda prova forensika ma ngabet li turi li ***Omissis*** effettivament kellha gia *sexual intercourse*;

Il-gist tal-kawza nghata direzzjoni fejn l-appellant 'deher' illi kellu attivita' sesswali malli mat-tieni attentat mill-Ispettur investigatur biex ikellem lill-minuri ***Omissis***, kellimha wahedha mhux fil-prezenza t'ommha kif inhu rikjest stante l-eta'

vulnerabbli taghha dak iz-zmien. L-ewwel okkazzjoni li giet mitkellma fil-GHQ, ***Omissis*** cahdet li kellhom x'jaqsmu sesswalment hi u l-appellant, izda bhala quasi estrazzjoni regghet giet mitkellma b'insistenza mill-Pulizija u wara stqarret dak li stqarret u cioe li qalet li kellha sess mal-appellant.

Issa hawn isegwi illi suspettat ghandu dritt illi jkollu avukat mieghu tal-ghazla tieghu, kif ukoll qabel ikun interrogat jitkellem jikkonsulta mieghu, izda, minuri, fuq allegazzjoni maghmula minn mart l-appellant (qas minn ommha stess), sabet ruhha mdawra minn diversi Pulizija madwarha f'ufficcju d-depot GHQ u dlonk qaltilhom dan li xtaquha tghid! U b'hekk arrestaw lill-appellant!

B'hekk dan huwa aggravju serjissimu li wara zviluppi ricenti fejn in segwitu ta' kazistika Ewropea, inghata d-dritt fundamentali li persuna tikkonsulta ma' avukat, allura inversament, minuri, m'ghandhiex dritt taghha li jkollha avukat prezenti maghha waqt li tisfa depot f'ufficcju?

In oltre, l-Ewwel Qorti ma sabitx htija fuq l-Artikolu 208AC (2) (c), '*stante li ma giex ippruvat li l-minuri kienet f'riskju li tigi mhajra biex tikkopera mal-imputat jew iccedi ghall-volonta' tieghu meta tiehu kont l-eta', il-maturita', is-sahha jew kondizzjoni ohra msemmija fl-istess artikolu*'. Dan il-fattur espress fis-sentenza taghha l-Ewwel Qorti b'hekk ma kkunsidratx illi ***Omissis*** kienet persuna tant vulnerabbli u innocenti li l-appellant seta' b'xi mod allegat minnha stess ikkorrompieha bl-ghemil zieni li dwari ntstab hati, fattur minnu nnifsu kontroversjali li jew kien hemm abbuz li mpinga hazin fuq il-minuri jew ma kienx hemm!

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost premessi, fil-kawza, **P vs Richard Attard**, l-akkuzat inghata sentenza sospiza ai termini tal-Artikolu 28A Kap 9 wara sejba ta' htija illi kellu x'jaqsam ma' minuri, meta f'dan il-kaz in ezami, l-appellant inghata sentenza ta' tliet snin prigunerija!

Illi ghal kull bon fini, l-appellant illum jinsab jahdem permezz ta' studio ghat-trasplanti tax-xaghar (hair grow replanting) kif ukoll jahdem part time bit-taxi, u li b'hekk ikun ultra detrimentali jekk ikollu jiskonta sentenza harxa bhalma nghata u cioe 3 snin prigunerija effettivi.

Semghet lill-partijiet jittrataw il-kaz u dan fis-seduta tal-24 ta' Novembru, 2020.

Rat l-atti kollha tal-kawza u l-fedina penali aggornata esebita mill-prosekuzzjni.

Ikkunsidrat

L-**Ispettur John Spiteri** xehed nhar it-22 ta' Novembru, 2016 u spjega kif il-pulizija irceviet telefonata nhar id-9 ta' Novembru, 2016 minn certu Alison Tanti li tigi mart l-appellant fejn stqarret li xi ftit jiem qabel zewgha kien ghadu kif telaq mid-dar, ftit xhur biss wara li zzewgu u dan proprju ghaliex kellha suspett li ma kienx qed ikun fidil lejha. Qalet li hija tahdem bhala *hairdresser* fir- rahal u bdiet tisma hafna xnieghet li r-ragel taghha l-appellant odjern kellu x'jaqsam ma certu minuri ***Omissis***. Il-pulizija rinfaccjata b'din l-allegazzjoni baghtet ghal ***Omissis*** fil-presenza ta' ommha u mistqosija dwar dan kollu ghall-ewwel innegat izda l-allegazzjoni izda wara ftit infaqghet tibki quddiem ommha u kkonfermat li kien veru. Mistoqsija x'tip ta' relazzjoni kien hemm bejniethom stqarret li f'okkazzjonijiet minnhom kien hemm bews u f'ohrajn kien hemm *foreplay* u ohrajn fejn kien hemm is-sess.

Il-Pulizja staqsietha fejn kienu isehhu dawn l-attivitajiet sesswali spjegat li l-appellant kien jghaddi ghaliha bil-karozza proprju mill-pjazza tar-rahal tar-Rabat Malta u kienu isuqu lejn l-akwati ta' Popeye village, il- Mellieha u fil-vettura tieghu kienu isehhu dawn l-attivitajiet.

Mistoqsija kemm il-darba kellha x'taqsam mieghu qalet li kellha applikazzjoni fuq il-mobile taghha fejn kienet izzomm *records* tal-fazi menstruali taghha u f'din l-*application* kien hemm ukoll forma ta' qalb li tista tindika fuq l-aplikazzjoni li turi f'dik il-gurnata kienet attiva sesswalment u mistoqsija jekk setghetx tindika id-dati hija kkonfermat li fuq l-applikazzjoni kellha miktub is-segwenti okkazzjonijiet meta effettivament zgur li kellha x'taqsam mieghu sesswalment, u cioe :-

i.Fil-21 ta' Mejju, 2016

ii. Fil-11 ta' Gunju, 2016

iii. Fil-15 ta' Lulju 2016

iv. Fid-9 ta' Awwissu, 2016

v. Fit-12 ta' Settembru, 2016

Spjegat li wara li tkun spiccat minn mieghu hija taghmel dan l-qalb fuq l-applikazzjoni taghha u dan sabiex jekk tinqabad tqila tkun taf il-granet, minkejja li kienet taghmel minn kollox biex ma tinqabadx u ma turix lill-genituri taghha dwar dan. Qalet li ma kienux juzaw kontracettivi. Qalet li qatt ma kienet attiva sesswalment ma haddiehor qabel ma iltaqghet mal-appellant minkejja li kellha *boyfriends.*

A bazi ta' din l-informazzjoni huwa baghat ghall-appellant permezz ta' mandat ta' arrest. Nhar l-10 ta' Novembru, 2016 kien inghata id-drittijiet tieghu pero kien irrilaxja stqarrija wara li kien irrifjuta l-assistenza legali. Qal li kien jaf lil ***Omissis*** pero innega li kellu xi atttivita sesswali maghha. Jghid li kien konsapevoli tax-xnighat li kienu ghaddejja fir-rahal peress li jghix hemm izda kompla jinnenga li hu kellu x'jaqsam maghha sesswalment. L-ghada 11 ta' Novembru, 2016 rega gie mitkellem minnu u dak il-hin beda jallega li WPS 33 kienet qaltlu li kien jaqbillu li ma jkellimx avukat u ghalhekk huwa rega tah id-dritt li jkellem avukat fejn dak il-hin ghazel li jtikellem ma Dr Kathleen Grima u din marret l-ufficcju tieghu fejn inghatat forma ta' *disclosure* fuq il-kaz u kienet tkelmet mal-appellant. L-appellant irrilaxxja zewg stqarrijiet li jinsabu inseriti fl-atti a fol. 9 et seq. Huwa esebixxa ukoll ic-certifikat tat-twelid ta' ***Omissis*** li gie markat bhala dok JS1 ( fol. 34) u minn esami ta' l-istess jirrizulta li twieldet fis-27 ta' Awwissu, 2001 u ghalhekk kien biss fis-27 ta Awwissu, 2017 li ghalqet sittax-il sena. Nhar it-2 ta' Dicembru, 2016 ipprezenta il-*mobile phone* Iphoine 7 tal-appellant u dan gie markat bhala dok AD1.[1]

***Omissis*** xehdet permezz ta' *video conferencing* nhar it-22 ta' Novembru, 2016. Wara li gie spjegat lilha l-import tal-gurament. Ikkonfermat li meta xehdet kellha hmistax-il sena. Qalet li tiftakar li gimghatejn qabel ma xehdet il-qorti kienu baghtu ghaliha l-pulizia u kelmuha dwar meta kienet tiltaqa' ma l-appellant . Qalet li saret taf lill-appellant meta darba minnhom kienet marret fil-hanut/bar tan-nannu taghha u dahal l-appellant u bdew jtikelmu. Marret torqod ghand in-nanna taghha u beda ikellimha facebook u ghall-habta tas-2..00/2.15am staqsiha jekk kientix hierga. Wegbitu jekk kienx qed jirreferi ghas-Sibt jew ghal Hadd u qallha li le ghal dak in-nhar. Staqsietu fejn setghet tmur f'dawk il-hinijiet u qallha '*mhux iddur*.' Qalet li ma riditx tohrog dak il-hin u qaltlu li kien hemm iz-ziju imqajjem. L-Ghada rega

[1] Fol. 90

kellimha u ghadda ghaliha u minn hemm il-quddiem bdew jiltaqghu kul nhar ta' Sibt u xi kultant anke f'nofs ta' gimgha ghaliex kien is-sajf u ma kienx ikollha skola.

Qalet li kienu imorru Popeye Village. Fil-bidu kienu joqghodu jitklemu imbaghad darba minnhom prova imissha u ghall-ewwel ma hallitux u qallha li jekk ma tridx ma kienx ser jisfurzaha. Izda iktar 'l quddiem rega ipprova u hallietu u tghid li ghamlet li ghamlet minn qalbha. Spjegat li kien dahhal idu fil-qalziet minn quddeim u dahhal subajgh fil-parti genitali taghha dak in-nhar. Izda iktar 'l quddiem haliethu jkollu relazzjoni intima maghha billi jkollu x'jaqsam maghha u dan sehh ghand ommu id-dar. Kienu joqghodu fil-kamra tas-sodda ta' ommu li tinsab fuq, liema kamra ma tintuzax. Iddeskriviet din il-kamra billi qalghet li hemm poza umbrella bil-mera u fuq ix-xellug hemm gwardarobba kbira u fin-nofs hemm sodda kbira. L-ghamara hija tal-kewba. Qalet li l-epidosji meta kien idahhal idejgh fil-parti taghha sehhew bejn Mejju u Settembru 2016 u tghid li kellha x'taqsam mieghu xi hames jew sitt darbiet. Mistoqsija fejn taf kemm kienu l-okkazzjonijiet tghid li ghandha applikazzjoni fuq il-mobile li jisimha *period calendar* u kienet timmarka fuqha. Qalet li l-appellant kien izzewwg f'Awwissu u komplew jiltaqghu sa Settembru. Tghid li waqfu ghaliex martu indunat. Qalet li imbaghad tkelmet mal-appellant u l-affarijiet waqfu hemm u kompliet b'hajjeitha u baqghet tohrog ma shabha.

Mistoqsija biex kien jghaddi ghalija tghid li kellu karozza tal-ghamla Alfa Romeo kulur griz u l-ewwel tlett ittri huma ROS u wara kien dahal *part time* ma sihbu u kien jghaddi ghaliha bit-taxi. Murija l-appellant fil-monitor tghid li l-appellant hu l-istess persuna li kellha x'taqsam mieghu.

In kontro esami mistoqsija kemm il-darba kienet tmur fil-hanut tax-xorb tan-nannu taghha tghid li kienet tmur gili fil-weekends meta torqod ghand in-nanna. Tghid li gili kienet tmur biss biex tiehu l-ikel lin-nannu. Mistqosija kemm kienet idum hemm tghid li gili sal-10.00p.m, gili sal-11.00p.m u gili sa 12.00am. Mistoqsija jekk damitx sas-2.00a.m tghid li iva meta iltaqghet mal-appellant. Tghid li dakinhar ma ttiftakarx jekk kienx ma sihbu fil-bar izda taf li tkelmu fuq xejn partikolari. Taf pero li kienet ratu darba biss qabel meta kien ghaddej fit-triq. Tghid li dakinhar meta iltaqghet mieghu fil-bar u tkelmet mieghu meta marret id-dar kienet hi li ghamlitlu *friend request* fuq il-facebook u hu accetta. Tghid li pero kien hu li mar jkellimha l-ewwel. Stqarret li ma kienitx l-ewwel darba li ghamlet *friend request* lill- irgiel li ghandhom 'l

fuq minn tmintax-il sena . Kien hemm xi tmienja jew ghaxra u titkellem ma uhud minnhom fuq face book.

Mistoqsija jekk kientix hi li baghtet messag lill-appellant biex jiltaqghu l-ghada il-Hadd li iltaqghu fil-bar ta' nannuha tghid li ma tiftakarx. Mistoqsija jekk kienitx timmarka l-applikazzjoni kul darba li kienet tiltaqa' mal-appellant twiegeb ' *le kieku hemm ix-xahar mimlijin kollha.'* Kienet timmarka kul darba li kien ikollha x'taqsam mieghu.

Tghid li kellha okkazzjoni ohra ma guvni iehor li kienet hallietu ipoggi is-swaba tieghu fil-parti taghha pero zgur li l-att sesswali ma haddiehor m'ghamlitx. Mistoqsija jekk kienitx tistaqsi dwar l-appellant ma haddiehor tghid li kien hemm habib tieghu li gili baghtitlu messag dwar fejn kien l-appellant meta kien miftiehem maghha u kien jittarjda. Tghid li hwua minnu ukoll li darba minnhom l-appellant kien involut f'incident u spicca b'feriti l-isptar u meta kienet hemm ommu qaltilha li ma kellhiex xi tridu pero hija wegbitu li thobbu. Mistoqsija jekk baghtitlux xi rtiratti taghha tghid li iva gili baghtitlu. Qalet ukoll li kien hemm zmien f'okkazjoni wahda zgur meta l-appellant qalilha biex ma tibghatlux iktar messaggi. Dan kien meta il-mara tieghu indunat bir-relazzjoni taghhom

Mistoqsija jekk tafx il-mara tal-appellant tghid li tafha izda mhiex habiba taghha. Tghid li darba minnhom marret is-salon taghha beix tghamlilha l-eyebrows. Dan kien fiz-zmien meta kienet tiltaqa' ma l-appellant. Tghid li kienet *friends* maghha fuq facebook.Tichad dak li gie allegat fil-konfront taghha li kienet thedded lill-appellant li kienet ser tghid li martu dwar ir-relazzjoni taghhom.

***Omissis,*** omm ***Omissis*** xehdet nhar il-21 ta' Frar,, 2017 qalet li kienet giet mitluba tinzel fl-ufficcju ta' l-ispettur id-depot flimkien ma bintha ***Omissis*** peress li kien hemm xi rapporti li kienet qed tiltaqa' ma certu Herbert Zammit Cordina, l-akkuzat odjern. Tghid li l-pulizija kienu qalulha li mart Herbert Zammti Cordina kienet infurmathom li bintha kienet qed tiltaqa' ma l-akkuzat . Bintha fil-presenza tal-pulizija ammettiet li kienu jibghatu messaggi via messenger fuq face book u bdew jiltaqghu generalment is-Sibt wara nofsinhar ghal habta tas-6.00p.m meta kien imur ghaliha bil-vettura ir-Rabat u kienu imorru x'imkien u gili kellhom x'jaqsmu ma xulxin. Mistoqsija kif haditha tghid li mhux sew u ghalhekk kelmet lil bitnha u

qaltilha li kienet zbaljat u sabiex ma tergax tirrepeti ruha ma haddiehor. Mistoqsija jekk kientix taf lill-akkuzat tghid li kienet tafu ghaliex mir-Rabat bhalhom. Tghid li wara li saret taf x'kien gara bintha stqarret li kellha relazzjoni meighu f'haems okkazzjonijiet u keitn certa dwar dan ghaliex kienet timmarka il-granet fuq il-mobile taghha Qalet li kien hemm xi hin meta kienu ghand il-pulizija meta bitnha bdiet titkellemmal-pulizja mhux fil-presenza taghha. Pero tghid li quddiemha ammettiet li kellha x'taqsam mal-akkzuat f'hames okkazzjonijiet . Bintha qaltilha ukoll b'dik l-okkazzjoni meaomm Hebrert qaltilhom beix ma jkomplux f'din ir-relazzjoni u bitnha qaltilha li ma tafx jekk tistax tieqaf ghaleix kienet thobbu. Ammettiet maghha ukoll li kient hi li fitxitu fuq facebook l-ewwel beix tghamel *friend request.* Mistoqsija jekk bintha qaltilhiex f'xi relazzjoni antecidenti tghid li bintha qaltilha li ma kellhx x'taqsam ma had iktar.

Mistoqsija waqt is-seduta tad-9 ta' Mejju, 2017 jekk ghandhiex interess li tmexxi dawn il-proceduri kontra l-akkuzat twiegeb fl-affermattiv.

**WPS 3 Bernardettte Valletta** spjegat li nhar id-9 ta' Novembru, 2016 Alison Tanti marret l-ufficini tal Vice squad fejn kient tidher li hi agitate hafna u spjeat li keinet semghet l-ghajdut li r-ragel taghha Herbert Zammit Cordina li mieghu kien qed ikollh aprobelmi fiz-zwieg kein qed ikollu attivitajiet sesswali ma minrui ta erbtaax-il sena u cioema certu ***Omissis***. Is-sinjura Tanti stqarret ukoll li fis-27 ta' Ottubru 2016 kellha argument mar-ragel u zewgha telaq mid-dar matrimonjali . Tghid li kelmet lis-sinjura Tanti flimkiien ma WPC 9 u sahansitra anke ittihditilha stqarrija .

In segwitu fid-9 ta Novmebru talbu lil ***Omissis*** tmur l-ufficju taghhom flimkien mal-geniturit aghha. Nivole giet mitkelma fil-presenza ta ommha Donna, u din stqaret li kient iltaqghet mal-akkuzat fil-hanut tan0-nannu gewwa r Rabat u minn hemm bdew jtiklemu fuq facbook messenger u wara bdew johorgu flimkien. Kienet accettat li jmur jigborha mir-Rabat ghall- habta tas-6.00pm u fil-ftt kien mar ghaliha bil-vettuia teighu tlg-hamla Alpha Romeo u minn hemm saq ghal zona mghrufa bhal Popeyes village . Hemmhek ghall-ewwel bdew jtikelmu u war abdew jitbewsu. Spjegat li dan kien jigri kul nahr ta Sibt. Tghid li fil-fatt kien hemm divesi Sibtijeit eta kien jigborha bejn is-6.00p.m u s-7.00p.m u jmorru l-istess zona imwarba u jwassalha lura id-dar ghall-habta tal-11.00p.m.

Spjega li wara it-tielet darba li iltaqghu kien mar ghaliha b'taxi ta habb tieghu u kein saq ghall--istess zona u hemmhekk bdew jitbewsu u kien ukoll dahhal idejgh fil-qalziet ta' taht taghha u beda imissilha il-partijiet privati taghha u kienet waqfitu u qaltlu li kienet qed tiddejjaq. Dak il-hin qallha li ma jimpurtax u waqaf mill-ewwel u qallha li ma kien ser jghamel xejn kontra l-volonta taghha . Zidet tghdi li gimgha wara dan l-incident eghu iltaqghu u marru fl-istes post vicin ta' Popeye Village fejnrega miss il-parti taghha u accettat. Kien qallha beix tnehhi l-qalziet taghha u accettat. Mar fuq in naha tal pssigier u tela fuqha u hemmhekk kellhom x'jaqsmu ma xulxin. Qalet li makeinx uza kotnracettivi izda kein ejakola barra. Qli din kient l-ewwel darba li kellha x;taqsam meighu u kemm damu flimkien erbgha zxhur kellha x'taqsam meighu hames darbiet u tathom il-grabet mill-application li kellha fil-mobile taghha . Mistoqsija ghaleix keint waqfet ir-relazzjoni tghid li ommha u martu saru jafu b'din ir-relazzjoniu ghalhekk kellhom jieqfu u keinu ftiehmu li kellhom izommu distanz aminn xulxin. Tghid li kompliet b'hajjeitha.

Fl-10 ta' Novembru 2016 inhareg mandat ta' arrest fil-konfront ta' l-akkuzat u marru ghalih ghand ommu ghaliex dak iz-zmien kien qed ighix maghha. Dak il-hin talab li jmur fic-centru tas-sahha ghaliex kellu bzonn xi antidepressants u ma kellux mieghu. Mistoqsi dwar din ir-relazzjoni jghdi li din hija revenge minn martu ghaliex kien qieghed f'relazzjoni ma mara ohra. Mistoqasi jekk qatx ikkomunika ma ***Omissis*** wiegeb fin-negattiv. Ghalhekk intalbu call u sms profiles minghand il-Vodafone ghan-numru 99148009 mill-21 ta' Mejju 'l quddiem. Mistoqsi jekk qatx rikkeb il ***Omissis*** fil-vettura tieghu jghid li iva darba minnhom raha fuq l-stage il- Fgrua u kien rikkibha u hadha fil-hanut ta' nannuha Qal li qatt ma mesha b'subajgh u ghalhekk wisq inqas kelu x'jaqsam maghha . L-ghada fil-11 ta' Novembru, 2016 rega gie mitkellem l-akkuzat u baqa' jinnega li kellu x'jaqsam ma ***Omissis*** ghalkemm kien hemm numru ta' domandi fejn ghazel li ma iwegibx kif kellu kul dritt bil-ligi.

Qal li huma saru jafu dwar dan minn l-ex mara tal-akkuzat Alison Tanti meta marret ghandhom tibki u agitata u mhux biex taghmel rapport ghaliex waqt li kienet fis-salon taghha kien hemm min qed ighid li zewgha kellu relazzjoni ma tfajla ta erbatax-il sena. Ikkonfermat li la ***Omissis*** u lanqas il-genituri taghha ma ghamlu rapport dwar l-akkuzat pero wara li kellhom din l-informazzjoni kienu baghtu

ghaliha. Ikkonfemrat li ***Omissis*** qaltilhomli din kienet l-ewwel esperjenza taghha sesswalment.

**WPS 9 Abigail Pomroy** xehdet nhar it-28 ta' Marzu, 2017 [2] u kkonfermat li waqt li kient xoghol Alison Tanti talbithom biex tkellem xi had mill-vice squad rigward zewgha. Ghalhekk hadetilha statement bil-miktub fejn din stqarret li kellha problem mar-ragel taghha l-akkzuat u li kien anke telaq mid-dar . Waqt li kient fi-hanut taghha ta hairdresser semghet xi niex jghidu li zewgha kien qed ikollu relazzjoni ma tfjla ta erbatax-il senau li sahansitra anke kellu x'jaqsam maghha sesswalment. Ghalhekk komlew b'din l-investigazzjoni. Qalet li nhar l-10 ta' Novembru, 2016 kienet maret flimkien ma PC 276 sabiex jarrestawh mid-dar ta' ommu u huma gejjin bih id-depot talab li jmur fic-centru tas-sahha jigbor xi pilloli ta' *ante depressants* ghaliex ma kienx hadhom mieghu u haduh hemm.

**PC 276 Gregory Attard** jikkonferma li kien akkompanja lil WPS 9 Abigail Pomroy beix jarrestaw lill-akkzuat gewwa ir-rabat u likienu haduh ic-centru tas-Sahha tal Furjana qabel ma haduh id-depot. . meta garbruh qalulu li kien taht arrest tant li tawh koppja tal-arret teighu u tawh id-drittijiet kollha tieghu.

**Karen Cremona** ghan nom u in rappresentanza ta' Transport Malta xehdet nhar il-21 ta Frar, 2017 u mistoqsija x'vetturi kien hemm registrati fuq l-akkuzat tghid li bejn il-21 ta' Mejju, 2016 u it-12 ta' Settembru, 2016 tghid li kellu Alpha Romeo 156 regsitrata f'ismu bejn il-15 ta' April, 2016 u d-29 ta' Awwissu, 2016 u illum din giet trasferita lil terzi kif jirrizulta mid-dokument markat bhala dok KC3.[3]

**Marisa Gauci,** administrator tal- Vodafone xehdet nhar il-21 ta' Frar, 2017 ipprezentat CD li gie markat bhal dok MG1 fejn hemm l=informazzjoni rikejta dwar in-numru tat-telefon 9914 8099 konsistenti fl-incoming calls, dettalji dwar il user u localization .

**Dr Steven Farrugia Sacco** xehed nhar l-20 ta' Settembru, 2017[4] u spjega li kien gie nominat b'digriet tal-ewwel Qorti datat 10 ta' Jannar, 2017 biex jesamina ic-cellulari tal-akkuzat u jirrelata dwar il-messaggi, sms's u call logs fost informazzjoni ohra relevanti. Huwa fil-fatt ipprezenta r-relazzjoni tieghu maghmula ai fini ta' dan id-

---

2

3 Fol. 114.

4 Fol. 182

digriet. Dan gie markat bhala dok SFS 1. In segwitu l-espert rega xehed nhar is-16 ta' Jannar, 2017[5] u dan b' referenza ghad-digriet tal-Qorti tat-13 ta' Marzu, 2017 fejn kien gie nominat sabiex jaccedi ghal *facebook account* tal- *parte civile* biex jippreserva u janalizza l- kontenut tal-messaggi fuq l-applikazzjoni Messenger. Huwa pprezenta r-relazzjoni tieghu.[6] Spjega li una votla thassar chat ma tistax terga ggibu lura u ghalhekk jekk ma sabx chat bejn l-akkuzat u ***Omissis*** ma jfissirx li qatt ma kien hemm. F'dan l-inkarigu l-espert jghid li ma rriskontrax chats mal-akkuzat fuq il-messenger tal-*parte civile* ***Omissis*** .

L-**akkuzat Herbert Zammit Cordina** ma xehdx f'dawn il-proceduri kif kellu kul dritt li jghamel pero irrilaxxja stqarrija *a tempo vergine* tal-investigazzjoni li tinsab inserita fl-atti a fol. 9 tal-process. Jikkonferma li kienu ilu mizzewweg ghal erba' xhur filwaqt li kkonferma li jaf lil ***Omissis*** u li ghandha hmistax-il sena. Mistoqsi kif jafha jghid li nannuha ghandu hanut tax-xorb u gili raha hemm. Mistoqsi jekk marx hdejn Popeye Village bejn Mejju u Settembru 2016 ighid li mar darba biex ighum. Mistoqsi jekk ghandux problemi mal-mara jghid li ghandu ghaliex ma jaqblux. Infurmat li martu ghamlet rapport fil-konfront tieghu li ghandu relazzjoni u kellu x'jaqsam sesswalment ma ***Omissis***, jghid li mhux minnu u jipsjega li martu qed tghid hekk ghaliex kien telaqha u kien qed johrog ma mara ohra. Mistoqsi jekk qattx kkomunika ma ***Omissis*** permezz ta' mobile jew xi social media jghid li le. Mistoqsi jekk kienx minnu li wara l-party ta' Isle of MTV kienx iltaqa' ma ***Omissis*** jghid li le izda kien iltaqgha maghha waqt il-party ghal ftit minuti. Mistoqsi x'karozza ghandu jghid li ghandu Chevrolet tal-kiri u qabel kellu Alpha Romeo 156. Jghid li l-istejjer dwar ***Omissis*** inqalghu ghaliex darba minnhom kien raha fuq l-istage il-Fgura u kien taha lift sar- Rabat. Jghid li l-mobile tieghu I phone 6 plus kien ilu ghandu gimghatejn u dan ghaliex dak ta' qablu inharqitlu l-motherboard. Ikkonferma li l-mobile numru tieghu hu 99148099 u kien ilu ghandu sentejn. Ikkonferma li hu biss ghandu access ghal mobile tieghu ghalkemm gili juzawh l-hbieb tieghu bhal Glenn Azzopardi. Mistoqsi kemm il-darba kellem lil ***Omissis*** fuq Messenger jghid li kienet hi li kelmitu u anke il-mara tieghu qaltilha biex ma tkelmux. Jichad li qatt kellu x'jaqsam ma ***Omissis*** sesswalment.

[5] Fol. 218
[6] Fol. 225

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz b'mod partikolari lill avukat difensur jghid li l-kaz hu wiehed fabbrikat fejn mart l-akkuzat ridet tpattihielu ghaliex kien telaq mid-dar u izid jghid li ***Omissis*** mhiex kredibbli u li gja kellha  x'taqsam ma irgiel ohra qabel ma iltaqghet mal-akkzuat. Pero fl-istes nifs l-akkuzat jghid fl-istqarrija tieghu li qatt ma iltaqa' maghha salv fil-hanut tan-nannu taghha u f'okkazzjoni wahda meta kien taha lift  mill -Fgura sar Rabat u ghal ftit minurit waqt il party tal Isle of MTV. Jghid ukoll li l-akkuzat dejjem cahad li kellu x'jaqsam ma ***Omissis*** u ghalhekk kul dubbju li din il-Qorti jista jkolha dwar il-kredibilta ta'***Omissis***  ghandu jmur favur l-akkuzat.  Min naha l-ohra l-prosekuzzjoni qed issotni li l-minuri hija kredibbli u baqghet konsistenti mal-versjoni tal-fatti kif spejgati minnha lill-ufficcjal invstigattiv. Tghid ukoll li l-minuri kienet spjegat li kellha app fuq il-mobile taghha fejn kient tirregistra kul meta kellha x'taqsam mal-akkuzat u kien ghalhekk li kienet certa dwar id-dati ta' meta kellha x'taqsam ma l-akkuzat. Illi ghalhekk din il-Qorti hija rinfacjata b'zewg versjonijiet kunflingenti dwar jekk verament l-akkuzat kellux x'jaqsam mal-minuri ***Omissis***. Dwar fatti ohra deskritti minn ***Omissis***  jidher li hemm kolloborazzjoni bejniethom.

Id-difiza fit-trattazzjoni ordali taghha sostniet li din il-Qorti hija rinfaccjata biss bix-xhieda tal-minuri min naha wahda li tikkonfema li kellha relazzjoni mal-akkuzat u li f'hames okkazzjonijiet kellu x'jaqsam maghha u f'okkazjonijiet ohra kien mess l-partijiet privati taghha u l-versjoni l-ohra tal-akkuzat  li jichad li qatt messha jew kellu x'jaqsam maghha.

**Ikkunsidrat**

Hawnhekk il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza moghtija fl-ismijiet **Il-Pulizija v Martin Mark Ciappara**[7] fejn spjegat x'jigri meta gudikant ikun rinfaccjat b'zewg verzjonijiet konfliggenti u cioe' jistghu jigru zewg affarijiet u cioe jew il-gudikant ikun tal-fehma li l-kaz tal-Prosekuzzjoni ma jkunx gie sodisfacentement ippruvat, u allura l-Qorti ghandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verzjoni korretta hija wahda u mhux l-ohra, jimxi fuq dik il-verzjoni li jaccetta u jekk dik il-verzjoni tkun timporta l-htija tal-imputat jew akkuzat, allura jiddikjara tali htija u jghaddi ghal piena jew ghal xi provvediment iehor.

---

[7] **Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fid-9 ta' Settembru 2002**

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**[8] gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Il-Qorti ghalhekk innotat li dan il-kaz jiddependi mid-diskrezzjoni tal-gudikant lil min jaghti affidament miz-zewg verzjonijiet la m'hemmx xhieda indipendenti li setghu raw l-incident isehh.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** [9]moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja."*

Fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn**[10], il-Qorti qalet

*"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"*

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace** [11] rriteniet is-segwenti:

***"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l- Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija mill-Artikolu 637 tal-Kapitolu 9".***

Issa gie kostantement ritenut illi l-apprezzament tal-fatti mill-Qorti ta' l-ewwel grad ma ghandux normalment jigi ddisturbat minn Qorti ta' kompetenza superjuri u li

[8] **Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fid-19 ta' Mejju, 1997**
[9] **Qorti tal- Appell Kriminali-deciza** fit-2 ta' Frar 2012
[10] **Qorti tal- Appell Kriminali-deciza 9 ta' Lulju 2003**
[11] **Qorti tal- Appell Kriminali-deciza fil-31 ta' Ottubru 2013**

dan ghandu jsir biss f'dawk il-kazijiet fejn ic-cirkostanzi jkunu tali li jikkonvincu l-Qorti ta' revizjoni li l-apprezzament ta' l-Ewwel Qorti kien tant zbaljat li altrimenti tkun ser tigi kkrejata ingustizzja

Illi l-Qorti rat dak li jipprovdi Artikolu 637 dwar kif ghandha tanalizza kredibbiltà ta' xhud, ***" id-decisjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu ji ggudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix- xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u tac - cirkostanzi kollha tal- kaz ."***

Illi f'dan ir-rigward jinghad li l-Qorti rat li l-minrui tat ix-xhieda tagha permezz ta video conferencing u ghalhekk setghet tinnota l-agir u imgieba taghha waqt li kienet qed tiddeponi.

Illi allura meta ma ikunx hemm prova ohra la diretta u lanqas cirkostanzjali li jistghu jitfghu xi dawl fuq l-akkadut, ghandhom rwol rizoluttiv il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibbilita u attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha "u kien ghalhekk li inghad mill-Qrati Inglizi, segwiti anke mill-qrati taghna illi '*great weight should be attached to the finding of fact which the judge of first instance has arrived', appuntu ghaliex 'he has had the opportunity of testing their credit by their demeanour under examination*[12].'

L-akkuzat instab hati mil-ewwel Qorti fl-ewwellok mir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni kif dispost fl-**artikolu 203 (1) tal-kap 9** tal-ligijiet ta' Malta. Skond l-emendi introdotti fil-ligi fil-mori ta' din l-kawza permezz tal-Att XIII tal-2018 ir-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni, kif imfassal fl-artikolu 203 tal-Kodici Kriminali, huwa prosegwibbli biss fir-rigward ta' minuri ta' taht is-sittax-il sena. Fil-kaz odjern l-minuri lanqas kellha hmsitax-il sena tul il-perijodu indikat fil-komparixxi u cioe bejn Mejju u Settembru 2016, stante li skond ic-certifikat tat-twelid esebit fl-atti jidher li ***Omissis*** twieldet fis-27 ta' awwissu 2001[13] u ghalhekk sa Awwissu 2016 kien ghad kellha erbatax-il sena.

Issa minn ezami ta' dan l-artikolu, sabiex jissusisti dan r-reat, irid ikun hemm :

[12] Il-Pulizija (Spettur Sandra Zammit) vs. Emanuel Abela, deciza nhar it-13 ta' Ottubru, 2014, numru 866/2011
[13] Dok JS1 fol. 34

a. l-eta tal-vitma ghandu jkun inqas minn sittax-il sena

b. Eghmil zieni;

b. korruzzjoni ta' minorenni.

Skond Manzini, fil-ktieb tieghu **Trattato di Diritto Penale Italiano** [14] dan jispjiega x'inhuma *atti di libidine* jew ahjar dak li jikkostitwixxi 'ghemil zieni' u cioe dawk l-atti kollha '*diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piacere carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare sifatta concupiscenza*".

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Thomas Wiffen'[15]6** citata mill-ewwel Qorti gie kkunsidrat li:

'*For the completed offence, and apart from the formal element of the offence, there must be the lewd act ("atto di libidine") and the actual defilement. The lewd act may be committed either on the person or in the presence of the minor. All acts which either of their very nature or of the circumstances in which they are performed are directed to the indulgence of the sexual appetite either of the agent or of the victim and are capable of arousing the sexual interest of the victim, are lewd acts for the purposes of the offence in question. Francesco Carfora, writing in the Digesto Italiano in connection with Section 335 of the Zanardelli Code (which provision, as far as the elements of the offence are concerned, was identical to our Section 203) has this to say as regards the notion of "lewd acts"*.

"*Atti di libidine.... debbono ritenersi tutti quei contatti e quelle manovre, che possono eccitare i sensi, anche se non giungono allo sfogo complete della libidine..... Senza poi entrare nelle varie questioni sorte nella pratica e nella giurisprudenza circa alla valutazione di singoli atti per vedere se debbasi o no attribuir loro il carattere di atti di libidine, specie in ordine al bacio, del quale lungamente si occupa il Carrara, noi rileveremo come norma generale che gli atti, a cui si riferisce la legge, debbono* essere materiali e di una certa entita' e tali da aver rapporto prossimo é diretto colle funzioni sessuali." [16]

F'din is-sentenza gie kkunsidrat li:

---

[14] vol 5 pg. 359
[15] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta' Jannar, 1996.
[16] Digesto Italiano Vol. VIII, parte 3, p. 967

*'Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propia concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le cirostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts."*

*"As to the requirement of actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known scientific instrument, but is something which has to be assessed by the prudent judge -- the lay judge in the case of a trial by jury, the professional magistrate or judge in all other cases -- taking into account all the circumstances of the case including in particular the age of the victim and the nature of the act or acts. Appellant, in his application, states that in order that one can speak of actual defilement "at least the curiosity or the interest of the minor should have been aroused", so that "if the minor is already strong-willed enough and rejects even the least advance by the offender" then, always according to appellant, there is no actual defilement. Now, whereas the minor's reaction is a fact to be taken into account, it is not the sole criterion, nor indeed the most important criterion, of whether or not there has been actual defilement. The defilement may be actual but its effects delayed."*

**Sir Anthony Mamo** fin-noti tiegħu **Notes on Criminal Law** jippuntwalizza li:

*"For the subsistence of the crime it is not necessary that the defilement shall be immediate. The very young age of the person with whom the lewd acts have been committed does not rule out the crime, if the remembrance of such acts is calculated to cause the defilement. Indeed, according to our law, if the victim is under twelve years of age, that is a reason for aggravating the crime."* [17]

u **Francesco Carfora** josserva:

*" .non bisogna intendere la corruzione fisica nel senso ristretto di manifestazione di corruzione morale mediante atti volontari esteriori compiuti dallo stesso minorenne, ma nel senso di contaminazione fisica anche mediante i soli atti dell'agente, inquantoche' agli effetti dell'art. 335 si ha la figura delittuosa della corruzione di minorenne quando questo abbia solo*

---

[17] P.226

*subito sulla propria persona atti contrari al pudore capaci di corrompere, anche se da parte sua non abbia corrisposto con altri atti, che costituiscono prova di un'effettiva corruzione, perche', come gia' abbiamo altrove notato, il legislatore intende a colpire i germi della corruzione gittati dagli atti delittuosi compiuti dall'agente, non in quanto sieno immediatamente sviluppati, ma in quanto possono in un tempo qualunque svilupparsi, e questo ritenne anche la patria giurisprudenza"*[18].

L-Qorti tkompli tghid fis-sentenza appena citata ta' **Wiffen** li :-

*"if the acts in question are lewd acts in the sense above defined, that is are apt to bring about a lesion of the moral integrity of the passive subject in respect of sexual matters, then, in the absence of any indication that the said passive subject has not been affected by those acts -- for example, because he or she was, to some degree, already depraved -- whoever has to judge the facts may reasonable conclude that there was actual or effective defilement."*

Il-Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija (Spettur Gabriel Micallef) (Spettur Jessica Grima) vs Omissis'**[19] ikkunsidrat li:

*'Fin-noti tieghu dwar id-dritt penali, il-Professur Mamo jelenka l-elementi legali rikjesti sabiex tirnexxi dina l- azzjoni penali. Fi kliemu ighid illi dana ir-reat: "deals with those lustful acts not consisting in carnal knowledge or attempted carnal knowledge with violence, whether actual or constructive, committed on the person or in the presence of any individual, whether male or female, and capable of defiling such individual." Kwindi l-ewwel element rikjest hija l-eta' tal-allegat vittma li per forza trid tkun minorenni; it-tieni element imbaghad, jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat u cioe' l-eghmil zieni. "Lewd conduct is any unlawful act committed by an individual with the purpose of arousing the libido or sexual interest of themselves or the person towards whom this action is directed."*

Il-**Professur Mamo** ikompli "*this expression does not include mere words, or any picture, book or representation, though obscene, or other indecent facts which affect only the moral sense. These do not constitute the crime in question. It is required that the defilment be by lewd acts, which acts must be committed either on the person of the minor or at least in his presence". Isostni: "To take a different view would be to ignore the obvious spirit of the law in creating the crime, that is the desire to protect youth from the pernicious effects of moral*

---

[18] op. cit., p.966

[19] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-22 ta' Jannar, 2014 (Numru 1281/2011)

*defilment and, therefore also from all those acts, which, although they take place without physical contacts, are nevertheless inherently intended to defile."* Jiddeskrivi dawn l-atti bhala: *"inclusive of all acts directed to the indulgence of the sexual apetite."*

L-istess Qorti kompliet tikkunsidra li:

*'Fl-ahharnett it-tielet element rikjest huwa l-att tal- korruzzjoni. Ghalkemm kien hemm guristi li ma qabblux dwar il-fatt jekk minuri li diga huwa korrott jistax ikun soggett ghal koruzzjoni u kwindi jistax jaqa' vittma ta' dana ir-reat, madanakollu il-qrati taghna dejjem sahhqu illi l-fatt illi minuri ikun diga gie soggett ghal korruzzjoni ma jeskludiex il-kummissjoni ta' dana r-reat fil-konfront tieghu. Ghal dak li jirrigwarda imbaghad il-mens rea rikjesta ghal kummissjoni tar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni il- Professur Mamo huwa tal-fehma illi ma hijiex necessarja xi intenzjoni specifika wara l-kummissjoni ta' dana ir-reat: "The defilment whether intended or not, must be considered as a necessary consequence of the lewd acts themselves, leaving it in every case to those who are to judge to determine whether they were calculated to defile."*

Fis-sentenza fl-ismijiet **'Il-Pulizija Vs Kelinu Mifsud[20]'** gie kkunsidrat li:

*'Għandu jiġi wkoll osservat li fil-korruzzjoni ta' minorenni, appunta minħabba mhux biss il-kliem "atti ta' libidini", imma anki stante l-kelma "jikkorrompi", hemm indikata l-opera perikoluża tas-seduzzjoni, li, kif irrilevat il-Kummissjoni tal-Kamra tad-Deputati fl-Italja, fid-diskussjoni tal-Proġett tal-Kodiċi Kriminali tal-1887 (Relaz. CXCIX), għandha tiġi differenzjata minn "un fuggevole atto lesivo del pudore"; Għalhekk, kull meta l-Qorti tkun perswaza li l-fattijiet tal-każ in ispeċje jinkwadraw ruħhom fl-ipotesi tal-liġi relattiva għar-reat ta' korruzzjoni ta' minorreni, ċjoe' kull meta jkun hemm (1) l-eta' minuri tal-vittima, (2) l-element materjal tal-attijiet ta' libidini, ċjoe' attijiet intiżi għas-sodifazzjoni sesswali, u li fihom innfishom ikollhom l-attitudini li jokkorrompu, u (3) l-element intenzjonali, ċjoe' ir-rieda tal-ħati li jagħmel dawk l-attijiet, li hu jaf li huma libidinużi fis-sens premess, allura hemm ir-reat ta' korruzzjoni ta' minorenni, appuntu in forza tal-kriterju negattiv fuq imsemmi, u skond il-prinċipji fuq espost;'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. A.B[21]** jinghad li:-

*"A skans ta' ekwivoci din il-Qorti taghmilha cara li il-fatt li wiehed imiss il-partijiet privati ta' minorenni, jew igieghel lill-istess minorenni jmissu l-partijiet privati taghhom, fic-*

---

[20]

[21] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-11 ta' Mejju, 2005

*cirkostanzi bhal ma sehhew f'dan il-kaz, jammonta ghal eghmil zieni li jikkorrompi ghall-finijiet u effetti kollha tal-Artikolu 203(1) tal-Kodici Kriminali, u li fil-fatt ikkorrompa."*

Il-Qorti imbaghad ghaddiet biex tezamina jekk kemm il-darba l-atti prattikati fuq il-minuri attwalment wasslux sabiex jikkorrompu l-istess minuri u ghal dan il-ghan, ghamlet referenza ghall-insenjament tal-principji enuncjati fil-kawza **<u>Pulizija versus Ganni Schembri</u>**[22] fejn inghad li:-

*"Meta l- minorenni jkun gie moghti ghall- vizzju jista cio nonostanti ikun hemm ir- reat ta' korruzzjoni ta' minorenni. Ghaliex hadd ma ghandu l- jedd ikompli jispingi fuq it- triq tal-vizzju lil min forsi jista jitbieghed minnha kieku ma jabbuzawx ulterjorment minnu."*

Illi fid-dawl ta' din il-gurispridenza l-Qorti qiset dak li qalet il-minuri u dan ghaliex thoss li kienet genwina u veritiera f'dak li qalet. L-minuri iddiskriviet fejn kienu isehhu l-atti ta' iniimita bejna u l-akkuzat u cioe fil-kamra tas-sodda ta' omm l-akkuzat. Hija iddiskriviet il-kamra u fl-ebda hin ma l-akkuzat resaq xi prova kuntrarja ghal din id-deskrizzjoni. Tghid ukoll li fil-fatt kien jigborha bil-vettura tieghu tal-ghamla Alpha Romeo u li fil-fatt verament l-appellant fiz-zmien tal-akkuza kellu vettura tal-ghamla Alpha Romeo. Stqarret ukoll li l-ittri tan-numru ta' registrazzjoni tal-vettura tieghu huma ROS u minn esami tad-dokument esebit fl-atti a fol. 114 mahrug minn Transport Malta jirrizulta l-ittri tan- number plate tal-vettura proprjeta tal-akkuzat huma ROS bin-numru 172. Dan ukoll fl-ebda hin ma gie kontestat mill-appellant. Il-minuri tispjega ukoll li kul darba li kellha x'taqsam mal-akkuzat kienet timmarka id-data fuq l-app tal-mobile taghha u meta giet mitkelma mill-pulizija kkonfermat id-dati ta' l-inkontru mal-akkuzat fejn kellu x'jaqsam maghha u cioe:-

i.Fil-21 ta' Mejju, 2016

ii. Fil-11 ta' Gunju, 2016

iii. Fil-15 ta' Lulju 2016

iv. Fid-9 ta' Awwissu, 2016

v. Fit-12 ta' Settembru, 2016

---

[22] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fil-11 ta' Ottubru, 1948 per Imhallef William Harding

Mistoqsija jekk fil-fatt kitbitx fuq l-app kul okkazzjonimea kienet iltaqghet mal-akkzuat ghid li le ghaleix kieku ghandha xahar shih imamrkat. Dawk kienu l-granet biss meta kellha x'taqsam meighu sesswalment u mhux meta ippartecipaw f'attivitajiet sesswali likienu okkazzjonijiet ohra.

Illi l-minuri tghid li l-ewwel darba meta marret ma l-akkuzat hdejn Popeye Village l-appellant ipprova ipoggi idu taht il-hwejjeg taghha u jmiss il-partijiet privati taghha u waqfitu izda dan ma kienx kutnent ghaliex irrepeta l-ghemil tieghu f'okkazzjonijiet ohra meta l-minuri cediet u waqghet ghalih. Jidher li l-appellant deher konsistenti f'dak li ried jghamel maghha u ghalhekk tali agir zgur halla l-effett tieghu fuq il-minuri u fil-kuntest ta' kif, fejn u ma' min sehhew dawn l-attivitajiet kienu tali li jikkorompu lil minuri. Ma hemmx dubju li l-appellant kien jaf li l-atti kienu tali li setghu jikkorrompu minuri u dan qed jinghad ghaliex meta gie mistoqsi kemm kellha zmien ***Omissis*** fl-istqarrija tieghu wiegeb li kellha hmsitax-il sena li jindika li kien konxju tal-fatt li kienet minuri. Din il-Qorti m' ghandhiex ghalfejn ma temminx lil minuri f'dak li qalet. Fil-fatt meta tkelmet mal-pulizija li kienet qed taghmel l-investigazzjoni taghha u xehdet il-Qorti l-minuri ma zidet xejn u zammet dejjem ma l-istess vesjoni tal-fatti

Din il-Qorti taqbel ukoll mal-Ewwel Qorti li irrispettivament tal-fatt li r-relazzjoni bejn ix-xhud u l-appellant kienet konsenswali fis-sens li ma gieghlix taghmel sess mieghu kontra ir-rieda taghha, dan ma jfissirx li ma kinitx tali li tikkorrompi lil minuri.

Fit-**tieni lok** l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tar-reat talli *'ppartecipa f'attivitajiet sesswali ma pesuna taht l-eta'* u cioe ma ***Omissis*** skond l-artikolu 208C tal-kodici Kriminali. Kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti inkwantu ghall-aggravanti l-akkuzat jinsab adebitat bl-aggravanti kontemplati fl-artikoli 208AC (1) (b), 208AC (2) (a) u (c) tal-kodici kriminali stante li l-minuri ***Omissis*** kellha inqas minn hmistax-il sena meta gew kommessi l–attivitajiet sesswali. Minn dak li stqarret u indikat aktar 'l fuq ***Omissis*** kellha hames inkontri seswali mal-akkuzat, u erbgha minnhom u cioe dawk li sehhew fil-21 ta' Mejju, 2016, fil-11 ta' Gunju, 2016, fil-15 ta' Lulju 2016 u fid-9 ta' Awwissu, 2016 sehhew meta hija kien ghad kellha erbatax-il sena. Il-hames okkazjoni biss li sehhet nhar it-12 ta' Settembru 2016 sehhet meta kellha hmsitax-il sena . Ghalhekk zgur li dan l-aggravju jirrizulta provat. Oltre dan jirrizulta li hemm

ir-reat kotninwat ai termini tal-artikolu 18 tal-kodici Kriminali. Fir-rigward tal-aggravanti skond l-artikolu 208 AC ( 2) u cioe li l-minuri kienet f'riskju li tigi imhajra biex tikkopera ma l-akkuzat jew iccedi ghal volonta tieghu meta tiehu kont l- eta, il-maturita , is-sahha jew kundizzjonijeit ohra imsemmija fl-istess artikolu ma gietx provata u ghalhekk qed tilliberaha minn dan l-aggavju.

Ghalhekk din it-tieni akkuza kif aggravat bl-artikolu 208AC(1)(b) (2) (a) jirrzulta ben provat.

L-appellant qieghed jappella ukoll mill-piena li skontu fic-cirkostanzi kienet eccessiva. L-ewwel Qorti ikkundannat lill-appellant piena ta' prigunerija ta' tlett snin u dan fil-parametri tal-piena stabbilita mill-ligi fiz-zmein meta gew kommesi ir-reati u cioe qabel ma dahal fis-ehh l-Att XII tas-sena 2018 fejn illum hemm zieda fil-pieni. lli fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fost sentenzi ohra fil-każ **il-Pulizija vs. Joseph Attard**[23] mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali presjeduta mill-Imħallef Patrick Vella fis-26 ta' Jannar 2001, fejn il-Qorti qalet li:

"*Il-Qorti tal-Appell rarament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu biss meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi.*"

Il-Qorti rat li l-piena inflitta mill-ewwel Qorti kienet wahda li taqa' fil-parametri tal-ligi qabel ma saru l-emendi bis-sahha ta' l-Att XII tas-sena 2018 u rat ukoll li fil-fatt l-piena li inghatat ma kienitx fil-massimu taghha minkejja li l-akkuzat gja ghandu diversi reati registrati fuq il-fedina penali tieghu. Din il-Qorti ghalhekk ma tara li hemm l-ebda raguni ghaliex ghandha tiddipartixxi mill-piena inflitta.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu inkluz l-aggravanti skond l-artikolu, 18 208AC (1) (b) 208AC (2) (b) u

[23] Deciz mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar fis-26 ta' Jannar 2001

fir-rigward tal-piena inflitta pero' mhux hati tal-aggravanti skond l-artikolu 208AC (2) (c) u cioe li l-minuri kient f'riskju li tigi imhajra tikkopera mal-imputat jew iccedi ghal volonta tieghu meta tiehu kont tal-eta, il-maturita, is-sahha jew kundizzjonijiet ohra imsemmija fl-istess artikolu.

Din il-Qorti tikkonferma ukoll fejn il-Qorti b'applikazzjoni tal-artikolu 412C tal-Kodici Kriminali ordnat il-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghal perjodu ta' tlett (3) snin fejn il-persuna minuri protetta. Dan il-perjodu jibda' ghaddej mil-lum.

Il-Qorti tikkonferma ukoll l-ordni ai termini tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta fejn l-Ewwel Qorti ordnat lir-Registratur tal-Qrati Civili u Tribunali sabiex l-imputat jitnizzel fuq ir-Registru ndikat fl-imsemmi Att u ghal dan il-ghan din il-Qorti qieghda tordna li kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lill-imsemmi registratur.

Il-Qorti tikkonferma l-ordni fejn gie ordnat id-divjet tal-pubblikazzjoni ta' isem il-minuri kollha u l-familjari taghhom kif ukoll kwalsiasi referenza li tindika l-identita' taghhom fi kwalunkwe mezz ta' komunikazzjoni.

Consuelo Scerri Herrera

Imhallef